MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 160/2012

**Frutti Di Mare Company Limited (C 20089)**
**vs**
**Eric Saliba (ID 183081M) u Karen Chetcuti (ID 22982)**

Illum 11 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat fit 3 ta' Mejju 2012 mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimati Eric Saliba u Karen Chetcuti fejn s-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuha s-somma ta' hamest elet, erbgha mija u erbgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€5,434.76) rappresentanti hut frisk u ffirzat mibjugh u kkonsenjat lilhom fil-hanut illi kellhom bl-isem ta' 'Kingfisher'.

Rat ir-risposta ta' Karen Chetcuti ippresentata fit 12 ta' Lulju 2012 fejn eccepiet, preliminarjament, illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti peress illi t-talbiet kellhom jigu indirizzati unikament lill Eric Saliba. Fuq il-meritu, hija sahqet illi, filwaqt li t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, kien jispetta lis-socjeta rikorrenti

tikkonferma illi dak attwalment indikat fl-invoices taghha attwalment gew mghoddija. Hija sahqet ukoll illi l-principji ta' solidarjeta f'dana il-kaz ma kienux jissusistu.

Rat ir-risposta ta' Eric Saliba ippresentata fit 12 ta' Lulju 2012 wkoll, fejn sahaq illi, filwaqt li t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, kien jispetta lis-socjeta rikorrenti tikkonferma illi dak attwalment indikat fl-invoices taghha attwalment gew mghoddija. Huwa sahaq ukoll illi l-principji ta' solidarjeta f'dana il-kaz ma kienux jissusistu.

Rat l-affidavit ta' **Darren Said** u ta' **Carl Sant** prodotti mis-socjeta rikorrenti u ppresentati fl 10 ta' Dicembru 2012, f'liema seduta s-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.
Semghet ix-xhieda, in kontro ezami, ta' **Darren Said**, moghtija fis 6 ta' Mejju 2013 u 3 ta' Gunju 2013.

Semghet ix-xhieda u kontro-ezami ta' **Eric Saliba** moghtija fit 8 ta' Lulju 2013.

Rat illi fit-8 ta' Lulju 2013, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna, il-fatti specje tal-kaz huwa semplici. L-intimati kienu jiggestixxu hanut ossija restaurant bl-isem ta' Kingfisher, liema hanut kien suplit mis-socjeta rikorrenti b'hut, kemm frisk, kif ukoll iffrizat. Jirrizulta illi l-intimati t-tnejn kienu jkunu fil-hanut u jaghmlu l-ordnijiet u kienu jircievu l-merkanzija huma stess, u jiffirmaw id-dokumentazzjoni tal-konsenja, xi drabi Saliba u drabi ohra Chetcuti.

Jidher illi, mat-trapass taz-zmien, is-socjeta rikorrent baqghet tipprovdi merkanzija lill-intimati filwaqt illi dawna waqfu ihallsu ghal merkanzija.

Jidher ukoll illi, f'mument minnhom, l-intimati kienu bi hsiebhom illi jottjenu 'Overdraft facility' ma bank sabiex ikunu jistghu jkompli l-operazzjoni taghhom kif stqarr l-

istess Eric Saliba u, ghal dan il-ghan, iffirmaw dokument mas-socjeta rikorrenti datata 5 ta' Jannar 2011 fejn iz-zewgt intimati, in solidum, qablu dwar is-segwenti:-

*"We confirm the balance currently due by us as co-debtors jointly and in solidum as operators of Kingfisher Restaurant, Wied iz-Zurrieq, Zurrieq, registered with VAT No 1785-0927, which balance currently amounts to the sum of twenty-five thousand euro (€25,000) and is due as payment for the sale and delivery of fresh and froen fish items"*

Tali dokument gie iffirmat kemm mill-intimat Eric Saliba kif ukoll mill-intimata Karen Chetcuti.

**Ikkunsidrat**

Tul il-proceduri odjerni, l-intimati, fid-diversi seduti li kellhom allokati ghal-provi taghhom, ippruvaw iressqu l-argument illi s-socjeta rikorrenti kellha pagamenti illi l-intimat kien ghamel lima gewx inkluzi fil-konteggi taghha. Sabiex jikkorrobora tali argument, huwa jghaddi biex jippresenta Statement ta' kont tal-bank li jghajjat lill Analise Saliba, fejn jidhru hafna pagamenti illi saru permezz ta' cekk liema cekk, izda, ma giex onorat mill-Bank. L-intimat stqarr illi tali cekkijiet kienu qed jinhargu minnu fuq kont illi ohtu kienet fethet u, wara illi tali cekk ma kienx ikun onorat, huwa kien ihallas l-ammont bi flus cash meta kien jigi bihom lura il-lavrant tas-socjeta rikorrenti.

L-intimat stqarr illi tali pagamenti kienu dejjem isiru b'cash u dana quddiem il-lavrant tieghu Daniel Tonna. Madanakollu, ebda prova ohra ma ngiebet in korroborazzjoni ta' tali asserzjoni.

**Ikkunsidrat**

Fid-difiza taghha, l-intimata Karen Chetcuti tghid illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi il-hanut ma kienx taghha izda tal-habib taghha, Eric

Saliba. Madanakollu, harsa lejn il-varji statements ippresentati mis-socjeta rikorrenti juru illi l-maggoranza kbira tad-Delivery Notes kienu jkunu ffirmati jew minn Eric Saliba jew minn Karen Chetcuti.

Tali fatt, minnu inniffsu, ma jistax wahdu jwassal ghas-solidarjeta' taz-zewgt intimati lejn is-socjeta rikorrenti, u, sa hawnhekk, Chetcuti kelha ragun illi tqajjem tali argument. Madanakollu, tali argument jitlef kull bazi meta wiehed iqis l-ittra iffirmata kemm minn Karen Chetcuti u Eric Saliba fil 5 ta' Jannar 2011 fejn jinghad illi t-tnejn li huma flimkien jiggestixxu l-hanut bl0isem ta' Kingfisher u li, t-tnejn flimkien ghandhom jaghtu somma flus lis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti tifhem illi l-htiega ta' tali dokument kien intiz unikament sabiex l-intimati jinghataw facilita' bankarja biex ikunu jistghu jibqu joperaw u ghalhekk is-somma indikata f'dak id-dokumenti, ossija hamsa u ghoxrin elf Euro mhhux necessarjament huwa dovut fil-present, izda tifhem ukoll illi, b'tali dokument, kienu qed jikkonfermaw illi l-hanut kien operat minnhom it-tnejn flimkien u d-djun tal-hanut kienu taghhom it-tnejn.

Ghalhekk l-eccezzjoni tas-solidarjeta ma tghoddx.

**Ikkunsidrat**

Eccezzjoni ohra illi l-intimati qajjmu kienet illi s-socjeta rikorrenti kellha tikkonferma illi dak indikat fid-delivery notes attwalment gie mghoddi lill-intimati. Tali eccezzjoni, bir-rispet kollu, din il-Qorti ma tistax hlief tghid illi hija tentattiv ahhari da' parte ta' l-intimati sabiex jizgiccaw minn obbligu illi huma kienu dahhlu meta xtraw l-affarjiet minghanr is-socjeta rikorrenti. Dana qieghed jinghad, ghax id-delivery notes kollha huma iffirmati li gew mghoddija u, il-maggoranza kbira taghhom, salv ghal xi wiehed jew tnejn, huma iffirmati attwalment mill-intimati stess, u gahlhekk, prova ahjar minn ekk illi l-affarjiet gew mghoddija lill-intimati ma setghax ikun hemm.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tghoddx ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi u d-dokumentazzjoni kollha pprovduta

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Tichad l-eccezzjonjiet kollha ta' Eric Saliba u Karen Chetcuti u

Tilqa t-talba attrici kif dedotta u ghalhekk

Tikkundanna lill intimati Eric Saliba u Karen Chetcuti ihallsuha, in solidum bejniethom, is-somma ta' hamest elet, erbgha mija u erbgha u tletin Euro u sitta u sebghin centezmu (€5,434.76) rappresentanti hut frisk u ffirzat mibjugh u kkonsenjat lilhom fil-hanut illi kellhom bl-isem ta' 'Kingfisher'.

L-Imghax dovut mit 30 ta' Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------